VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,974, 6 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 109 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l- Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 367 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 sa 6 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

(2) L-ordinament 7 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika mill-1 ta' Marzu, 2018 'il quddiem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) Applikanti li għandhom il-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making jistgħu jitħallew jidħlu fil-komponent tar-riċerka tal-Kors fil-Management, jekk ikunu temmew b'suċċess il-programm tal-Postgraduate Certificate b'marka medja minima ta' 55%:

sakemm li dawn l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament."

4. Il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) u (4).

5. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafu (b) u, jekk neċessarju, is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1), u l-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultat ta' intervista li ssir għal dan il-għan."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom mhux aktar minn 30 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u mhux inqas minn 60 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għal bidliet li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, jkun kostrett li jagħmel, kull student għandu jsegwi t-taqsimiet studju ndikati fil-programm ta' studju kif imfassal mill-Bord fuq il-parir tad-dipartiment konċernat."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"**Id-Dissertazzjoni**

8. (1) L-istudenti li qegħdin isegwu programm li jinkludi l-kitba ta' dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 70 jew 80 krettu ECTS huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 30,000 u 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) L-istudenti li qegħdin isegwu programm li jinkludi l-kitba ta' dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 60 krettu ECTS huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 20,000 u 30,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(4) F'dawn il-każijiet proposta dettaljata ta' riċerka għandha tiġi mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

(5) Fil-każijiet kollha x-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju."